IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.11.2011
KUMM(2011) 830 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar in-nefqa tal-FAEG___Is-sistema ta' twissija bikrija__Nru 10/2011

**WERREJ**

1. Introduzzjoni ........ 3

2. Dħul assenjat għall-FAEG ........ 3

3. Dħul li ġej mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (fis-settur taz-zokkor) ........ 4

4. Kummenti dwar l-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit tal-FAEG għall-2011 ........ 4

5. Implimentazzjoni tad-dħul assenjat għall-FAEG ........ 9

6. Implimentazzjoni tad-dħul li ġej mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (fis-settur taz-zokkor) ........ 10

7. Implimentazzjoni tal-Fond għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor ........ 10

8. Konklużjonijiet ........ 10

Anness 1........ Konsum provviżorju tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG sal-31 ta' Awwissu 2011 11

## 1. INTRODUZZJONI

Għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2010 u l-31 ta' Awwissu 2011, il-livell attwali tal-implimentazzjoni tal-baġit imqabbel mal-profil tan-nefqa previst mill-indikatur, stabbilit abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005[1], qed jiġi ppreżentat fl-Anness 1.

## 2. DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

Abbażi tar-regoli tal-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, id-dħul li joriġina mill-korrezzjonijiet finanzjarji taħt id-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, minn irregolaritajiet u mill-imposta fuq il-ħalib, huwa allokat bħala dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG. Skont dawn ir-regoli, id-dħul assenjat jista' jintuża biex ikopri l-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG imġarrba mill-Istati Membri. F'każ fejn parti minn dan id-dħul ma tintużax, din il-parti tiġi ttrasferita awtomatikament għas-sena tal-baġit ta' wara[2].

Il-baġit tal-FAEG għall-2011 inkluda kemm l-istima l-aktar riċenti tal-Kummissjoni dwar l-ammont ta' approprjazzjonijiet, li se jkunu meħtieġa biex tiġi ffinanzjata n-nefqa mistennija għall-miżuri tas-suq u għall-għajnuniet diretti, kif ukoll l-istimi tad-dħul assenjat, li kien mistenni jinġabar matul is-sena tal-baġit inkwistjoni u t-trasferiment tal-bilanċ tad-dħul assenjat li jkun għad baqa' disponibbli mis-sena tal-baġit ta' qabel. Fil-proposta tagħha għall-ammont ta' approprjazzjonijiet tal-FAEG għall-baġit tal-2011, il-Kummissjoni qieset id-dħul assenjat totali mistenni u talbet li l-livell tal-approprjazzjonijiet fl-2011 jiġi kkalkulat billi d-dħul assenjat stmat jitnaqqas mill-istima tagħha tan-nefqa. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit il-ġdid tal-FAEG, li l-approprjazzjonijiet tiegħu kienu jinkludu d-dħul assenjat mistenni.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2011, l-istimi tal-Kummissjoni għad-dħul assenjat disponibbli kienu jammontaw għal EUR 1 247 miljun. B'mod speċifiku:

– ġie stmat li d-dħul assenjat li mistenni jiġi ġġenerat matul is-sena tal-baġit tal-2011 se jkun ta' EUR 707 miljun. Kienu mistennija ammonti ta' EUR 600 miljun u ta' EUR 88 miljun mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità u mill-irregolaritajiet rispettivament. Id-dħul mill-imposta fuq il-ħalib kien stmat li se jkun ta' EUR 19-il miljun, u

– ġie stmat li d-dħul assenjat li mistenni jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit tal-2010 għall-2011 se jammonta għal EUR 540 miljun.

Fil-baġit tal-2011, il-Kummissjoni assenjat dan id-dħul ta' EUR 1 247 miljun għal żewġ skemi. B'mod speċifiku:

---

1 ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

2 Id-dħul assenjat ittrasferit mis-sena ta' qabel għandu jintuża l-ewwel - jiġifieri dan għandu jintuża qabel l-approprjazzjonijiet ivvutati mill-Awtorità tal-Baġit jew id-dħul assenjat iġġenerat f'dik is-sena (l-Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju).

– EUR 500 miljun ġew assenjati għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, u

– EUR 747 miljun ġew assenjati għall-iskema ta' pagament uniku.

Għal dawn iż-żewġ skemi, l-Awtorità tal-Baġit eventwalment ivvutat favur approprjazzjonijiet li jammontaw għal EUR 292 miljun u EUR 30 389 miljun rispettivament, skont il-proposta tal-Kummissjoni. Is-somma tal-approprjazzjonijiet ivvutati u tad-dħul assenjat imsemmi hawn fuq tikkorrispondi għal stima totali tal-approprjazzjonijiet meħtieġa ta' EUR 792 miljun għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix u ta' EUR 31 136 miljun għall-iskema ta' pagament uniku.

Fl-Anness, li jagħti l-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit għall-2011 għall-perjodu sal-31 ta' Awwissu 2011, iċ-ċifri tal-approprjazzjonijiet tal-baġit għas-settur tal-frott u l-ħaxix u għas-settur tal-għajnuniet diretti diżakkoppjati jippreżentaw l-approprjazzjonijiet ivvutati għal dawn iż-żewġ skemi, li jammontaw għal EUR 491.1 miljun u għal EUR 36 324 miljun rispettivament, mingħajr ma jitqies id-dħul assenjat imsemmi hawn fuq. Wara li jiġi inkluż id-dħul assenjat għal dawn is-setturi, l-approprjazzjonijiet totali previsti fil-baġit tal-2011 jammontaw għal EUR 991.1 miljun għas-settur tal-frott u l-ħaxix u għal EUR 37 071 miljun għall-għajnuniet diretti diżakkoppjati.

## 3. Dħul li ġej mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (fis-settur taz-zokkor)

L-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor qed jitqiesu bħala dħul assenjat maħsub biex jiffinanzja l-għajnuna għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor u l-għajnuniet l-oħra previsti mill-Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor. Għat-tliet snin tas-suq 2006/07, 2007/08 u 2008/09, dawn l-ammonti li kienu relatati mal-kwoti kwantitattivi taz-zokkor, tal-ġulepp tal-inulina u tal-iżoglukożju miżmuma mill-operaturi f'kull Stat Membru tħallsu lill-Fond. Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2011 kien mistenni li ammont ta' EUR 1 015-il miljun kien se jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit tal-2010 għall-2011. L-ammont finali tad-dħul assenjat ittrasferit għall-2011 fil-Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor laħaq l-EUR 1 044.8 miljun.

## 4. Kummenti dwar l-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit tal-FAEG għall-2011

Il-livell tal-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2010 u l-31 ta' Awwissu 2011 huwa mogħti fl-Anness 1. Dan il-livell ġie mqabbel mal-profil tan-nefqa bbażat fuq l-indikatur, li ġie stabbilit abbażi tad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005. Hawn taħt qed jingħata kummentarju qasir dwar ċerti artikoli tal-baġit, li juru l-aktar diverġenzi sinifikanti bejn il-livell tal-implimentazzjoni attwali u dak mistenni għall-baġit tal-2011.

## 4.1. Miżuri tas-suq

L-użu tal-approprjazzjonijiet għall-interventi fis-swieq agrikoli kien ogħla meta mqabbel mal-livell tal-approprjazzjonijiet ivvutati mill-baġit, kif stabbilit mil-livell tal-indikatur fil-31 ta' Awwissu 2011, b'EUR 166.0 miljun. Din il-varjazzjoni hija primarjament dovuta għas-setturi tal-frott u l-ħaxix, għall-programmi tal-ikel u għas-setturi tal-laħam taċ-ċanga u tal-majjal. Fl-istess waqt, bħala total, setturi oħra jippreżentaw nuqqas ta' implimentazzjoni.

### *4.1.1. Ċereali (-EUR 146.6 miljun)*

In-nuqqas ta' implimentazzjoni f'dan l-artikolu tal-baġit fl-2011 ġej mill-bejgħ sinifikanti taċ-ċereali mhux bħala parti mill-iskema tal-intervent fil-perjodu bejn Diċembru 2010 u Mejju 2011. Fil-qafas tas-sejħiet għall-offerti l-Kummissjoni biegħet 2 551 000 tunnellata ta' xgħir u 88 000 tunnellata ta' qamħ bi prezzijiet sostanzjalment ogħla minn dawk previsti fil-baġit għall-2011. Dawn il-prezzijiet jikkontribwixxu għal qligħ konsiderevoli għall-baġit tal-2011 u fl-implimentazzjoni tal-baġit jidhru bħala ammonti negattivi fl-istess artikolu tal-baġit. Il-Kummissjoni tqis li dan il-qligħ se jwassal għal nuqqas ta' implimentazzjoni kumplessiva ta' dan l-artikolu tal-baġit sa tmiem is-sena tal-baġit tal-2011.

### *4.1.2. Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex tal-Anness 1 (–EUR 17.3 miljun)*

In-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dan l-artikolu tal-baġit, ibbażat fuq il-livell tal-indikatur, huwa dovut għal pagamenti aktar baxxi għaċ-ċertifikati fuq l-esportazzjoni għall-prodotti relatati maz-zokkor u mal-produzzjoni tal-ħalib meta mqabbla ma' dawk stmati inizjalment fil-baġit.

### *4.1.3. Programmi tal-ikel (+EUR 22.4 miljun)*

L-użu tal-approprjazzjonijiet b'rata aktar mgħaġġla hu dovut l-aktar għal ammonti ogħla minn tas-soltu għall-pjanijiet tas-snin ta' qabel li tħallsu fl-2011 u għal tibdiliet fir-regoli applikabbli għall-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-għajnuna fl-2011 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Dawn it-tibdiliet ma tqisux mill-indikatur. Fil-fatt, fl-2011, id-data ta' skadenza għall-irtirar ta' 70 % tal-istokkijiet allokati għal kull Stat Membru tressqet 'il quddiem minn Ġunju għal Mejju. Barra minn hekk, jidher li, minħabba l-ammonti aktar baxxi previsti bħalissa għall-pjan tal-2012, l-Istati Membri beħsiebhom jimplimentaw bis-sħiħ il-pjan tal-2011. Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li l-użu b'rata aktar mgħaġġla tal-pjan tal-2011 mhux se jirriżulta f'implimentazzjoni żejda kbira ħafna, jew fi kwalunkwe implimentazzjoni żejda tal-approprjazzjonijiet previsti fil-baġit.

### *4.1.4. Pjanti li minnhom isiru t-tessuti (+EUR 5.9 miljun)*

L-użu b'rata aktar mgħaġġla tal-approprjazzjonijiet disponibbli għal dan l-artikolu tal-baġit hu dovut għall-miżuri ta' ristrutturar fis-settur tal-qoton li ġew implimentati għall-ewwel darba fl-2010 meta l-pagamenti kollha saru f'Ottubru. Imbagħad, l-indikatur għall-2011 ġie stabbilit abbażi ta' dan. Madankollu, fl-2011, in-nefqa fuq dan l-artikolu ġiet iddikjarata mill-Istati Membri sa mill-bidu tas-sena, u għalhekk bħalissa qed tiġi osservata implimentazzjoni żejda tal-approprjazzjonijiet tal-baġit. Madankollu, din ix-xejra ta' implimentazzjoni ma tikkostitwixxi l-ebda riskju li

jinqabżu l-approprjazzjonijiet baġitarji, minħabba li dawn huma bbażati fuq il-limiti massimi kwantitattivi u finanzjarji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni għal dawn il-miżuri.

*4.1.5. Frott u ħaxix (+ EUR 312.7 miljun meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet ivvutati)*

Dan il-livell ta' implimentazzjoni jista' jiġi attribwit għan-nefqa għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li huma ffinanzjati kemm mill-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit kif ukoll mid-dħul assenjat għal din l-iskema fil-baġit tal-2011 (NB: għad-dettalji jekk jogħġbok ara l-punt 2 hawn fuq). Dan il-livell ta' implimentazzjoni huwa r-riżultat tal-applikazzjoni tal-indikatur għall-perjodu sal-31 ta' Awwissu 2011 għall-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit, li ma jinkludux id-dħul assenjat għal dan is-settur.

Dal-ħin, il-Kummissjoni tqis li l-approprjazzjonijiet totali disponibbli għal dan is-settur se jkunu suffiċjenti sabiex ikopru n-nefqa li l-Istati Membri huma mistennija jġarrbu fl-2011.

Mill-2010 'l quddiem, għall-benefiċċju tal-qarrej, il-Kummissjoni introduċiet in-nota f'qiegħ il-paġna * għat-tabella ta' implimentazzjoni provviżorja li tidher fl-anness. Din in-nota f'qiegħ il-paġna turi x'kienet tkun is-sitwazzjoni li kieku fil-31 ta' Awwissu 2011 ġie applikat l-indikatur għall-approprjazzjonijiet totali li huma mistennija jkunu disponibbli biex jiġi ffinanzjat dan is-settur. Kif issemma fil-punt 2 hawn fuq, il-finanzjament totali li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur huwa kkostitwit mill-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit ta' EUR 491.1 miljun u mid-dħul assenjat għal dan is-settur li huwa stmat li jammonta għal EUR 500 miljun. Għalhekk, li kieku l-indikatur ġie applikat għall-finanzjament totali ta' EUR 991.1 miljun li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur, kien jiġi jidher nuqqas ta' implimentazzjoni ta' – EUR 70.2 miljun.

Dan in-nuqqas ta' implimentazzjoni huwa relatat mal-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandhom ritmu ta' pagamenti ftit aktar bil-mod mis-snin ta' qabel u mal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel li, minħabba li l-miżura għadha relattivament ġdida, għadha ma bdietx issegwi xejra ddefinita ta' implimentazzjoni. Madankollu, ta' min jinnota li parti mill-miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali għas-settur tal-frott u l-ħaxix adottati mill-Kummissjoni wara l-kriżi tal-*E. coli* se tiġi ffinanzjata mill-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-bqija ta' din l-għajnuna se tiġi ffinanzjata minn partita oħra tal-baġit tal-istess artikolu. Dawn il-miżuri huma mistennija jiswew madwar EUR 227 miljun u bħalissa huwa stmat li, sa tmiem is-sena tal-baġit tal-2011, l-Istati Membri se jiddikjaraw nefqa li tammonta għal EUR 215-il miljun. Għall-perjodu kopert minn dan ir-rapport, l-Istati Membri ddikjaraw biss 10 % tan-nefqa relatata ma' din il-kriżi.

Barra minn hekk, il-pagament ta' għajnuna għar-rikonoxximent preliminari tal-gruppi tal-produtturi qed ikompli jiżdied meta mqabbel mal-aħħar tliet snin. Mistennija implimentazzjoni żejda sostanzjali ta' din il-linja fi tmiem is-sena tal-baġit tal-2011.

Abbazi tal-fatturi kollha msemmija hawn fuq, huwa mistenni li n-nefqa finali li se tkun iddikjarata għal dan is-settur ser taqbeż l-approprjazzjonijiet korrispondenti tal-baġit disponibbli u li din ser tkun koperta minn trasferimenti ta' approprjazzjonijiet minn linji oħra tal-baġit.

*4.1.6. Promozzjoni (-EUR 9.4 miljun)*

Meta mqabbel mal-livell ta’ implimentazzjoni muri mill-indikatur fil-31 ta’ Awwissu 2011, wieħed jista’ josserva nuqqas ta’ implimentazzjoni. Abbażi tal-komunikazzjonijiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li dan ir-ritmu ta' pagamenti se jinżamm, b'mod ġenerali, sa tmiem is-sena tal-baġit u li b’hekk dan se jwassal għal nuqqas ta’ implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ dan l-artikolu.

*4.1.7. Ħalib u prodotti tal-ħalib (-EUR 61.8 miljun)*

Meta mqabbel mal-livell ta’ implimentazzjoni muri mill-indikatur fil-31 ta’ Awwissu 2011, wieħed jista’ josserva nuqqas ta’ implimentazzjoni. Dan huwa primarjament relatat mal-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel li l-approprjazzjonijiet tagħha fil-baġit żdiedu b’EUR 10 miljun matul in-negozjati dwar il-baġit għall-2011 meta mqabbla mal-ħtiġijiet inizjali mitluba mill-Kummissjoni. Din iż-żieda fil-baġit ma ġietx riflessa fl-implimentazzjoni tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat mhux bħala parti mill-iskema tal-intervent li kien hemm fil-perjodu bejn Diċembru 2010 u Marzu 2011 sar bi prezzijiet li l-livell tagħhom kien ogħla minn dak oriġinarjament imbassar fil-baġit tal-2011 u, għaldaqstant, wassal għal qligħ għall-baġit tal-2011. Dan il-qligħ jidher fl-implimentazzjoni tal-baġit bħala ammonti negattivi fl-istess artikolu tal-baġit. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li dan il-qligħ se jwassal għal nuqqas ta’ implimentazzjoni kumplessiva tal-approprjazzjonijiet ta' dan l-artikolu tal-baġit sa tmiem is-sena tal-baġit tal-2011.

*4.1.8. Ċanga u vitella (+EUR 19.7 miljun)*

L-użu b’rata aktar mgħaġġla tal-approprjazzjonijiet f’dan l-artikolu tal-baġit meta mqabbel mal-livell tal-indikatur huwa r-riżultat ta’ kwantitajiet esportati bir-rifużjonijiet li kienu aktar milli mistenni fil-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2010 ’l quddiem. Minħabba l-ftuħ tas-suq Tork għall-prodotti tal-laħam tal-UE, l-attività tal-esportazzjoni f’dan is-suq żdiedet konsiderevolment fis-sena tad-WTO tal-2010/11. Din is-sena, il-Kummissjoni ħarġet ċertifikati tal-esportazzjoni għal kwantità li kienet ogħla minn dik prevista fil-baġit tal-2011. Il-Kummissjoni tqis li, sa tmiem is-sena tal-baġit tal-2011, dan l-artikolu tal-baġit se juri implimentazzjoni żejda kumplessiva li se jkollha tiġi koperta mit-trasferiment ta’ approprjazzjonijiet minn linji oħrajn tal-baġit.

*4.1.9. Laħam tal-majjal, bajd u tjur (+ EUR 53.9 miljun)*

L-użu b’rata aktar mgħaġġla tal-approprjazzjonijiet disponibbli għal dan l-artikolu tal-baġit meta mqabbel mal-livell tal-indikatur jista’ jiġi attribwit għal kwantitajiet akbar milli mistennija ta' tjur esportati bir-rifużjonijiet.

Barra minn hekk, f'dan l-istadju l-Kummissjoni tistenna li fl-2011 se tħallas madwar EUR 50 miljun għall-miżura tal-ħżin privat għal-laħam tal-majjal (li ġiet introdotta f’Jannar tal-2011), li għaliha ma kien hemm previst ebda approprjazzjoni fil-baġit tal-2011. Il-Kummissjoni tipprevedi li dawn il-fatturi se jwasslu għal implimentazzjoni żejda tal-approprjazzjonijiet ta' dan l-artikolu tal-baġit, li se jkollha tiġi koperta mit-trasferiment ta’ approprjazzjonijiet minn linji oħrajn tal-baġit.

## 4.2. Għajnuniet diretti

L-użu tal-approprjazzjonijiet għall-għajnuniet diretti meta mqabbel mal-livell muri mill-indikatur fil-31 ta' Awwissu 2011 kien ogħla b'EUR 391.2 miljun.

### *4.2.1. Għajnuniet diretti diżakkoppjati (+ EUR 509.0 miljun meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet ivvutati)*

L-approprjazzjonijiet totali disponibbli għall-ħtiġijiet ta' dan is-settur jammontaw għal EUR 37 071 miljun u jinvolvu l-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit ta' EUR 36 324 miljun u d-dħul previst ta' EUR 747 miljun assenjat għall-Iskema ta' Pagament Uniku. (NB: għad-dettalji jekk jogħġbok ara l-punt 2 hawn fuq).

L-iskema ta' pagament uniku (is-SPU) tippreżenta implimentazzjoni żejda meta mqabbla mal-livell tal-indikatur minħabba l-effett tekniku tal-applikazzjoni tagħha fil-livell tal-approprjazzjonijiet ivvutati li ma jinkludux id-dħul assenjat. Mill-2010 'l quddiem, għall-benefiċċju tal-qarrej, il-Kummissjoni introduċiet in-nota f'qiegħ il-paġna * għat-tabella ta' implimentazzjoni provviżorja li tidher fl-anness. Din in-nota f'qiegħ il-paġna turi x'kienet tkun is-sitwazzjoni, li kieku fil-31 ta' Awwissu 2011 ġie applikat l-indikatur għall-approprjazzjonijiet totali li huma mistennija jkunu disponibbli biex jiġi ffinanzjat dan is-settur. Għalhekk, li kieku l-indikatur ġie applikat għall-finanzjament totali ta' EUR 37 071 miljun li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur, allura kien jiġi jidher nuqqas ta' implimentazzjoni ta' -EUR 237.2 miljun (jew 0,6 %).

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tistenna li l-baġit għall-għajnuniet diretti diżakkoppjati se juri nuqqas ta' implimentazzjoni fi tmiem is-sena tal-baġit minħabba li l-Istati Membri qed jiddikjaraw nefqa għall-miżuri ta' appoġġ speċifiku diżakkoppjat skont l-Artikolu 68 li hija aktar baxxa minn dik li kienet prevista oriġinarjament fil-baġit tal-2011. Madankollu, fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku, abbażi tal-previżjonijiet tal-Istati Membri, hija mistennija implimentazzjoni kważi sħiħa sa tmiem is-sena tal-baġit.

### *4.2.2. Għajnuniet diretti oħrajn (-EUR 118.3 miljun)*

Dan is-settur juri nuqqas ta' implimentazzjoni, fil-31 ta' Awwissu 2011, meta mqabbel mal-livell korrispondenti tal-indikatur. L-Istati Membri qed jiddikjaraw nefqa għall-miżuri ta' appoġġ speċifiku akkoppjat skont l-Artikolu 68, għall-primjum għall-baqar li jreddgħu u għall-pagamenti għall-produtturi tal-patata tal-lamtu li hija iktar baxxa minn dik li kienet prevista inizjalment fil-baġit tal-2011. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tistenna li l-approprjazzjonijiet tal-baġit ta' dan is-settur se juru nuqqas ta' implimentazzjoni sa tmiem is-sena tal-baġit.

## 4.3. Nefqa oħra

### *4.3.1. Approvazzjoni tal-kontijiet tas-snin ta' qabel (+ EUR 321.0 miljun)*

Il-livell ta' implimentazzjoni attwali ġej mit-tqabbil tal-approvazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-kontijiet li diġà saru mal-livell tal-indikatur korrispondenti fil-31 ta' Awwissu 2011.

Ta' min jinnota li l-Kummissjoni, fl-Ittra ta' Emenda tagħha għall-2011, kienet ipproponiet korrezzjonijiet li jammontaw għal – EUR 72 miljun. L-ammont finali għall-approvazzjoni tal-kontijiet li ġie deċiż matul in-negozjati dwar il-baġit tal-2011 kien jammonta għal – EUR 272 miljun.

Dal-ħin, il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjonijiet li huma mistennija minħabba d-deċiżjonijiet tagħha dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet, li diġà ttieħdu kollha, u minħabba n-nuqqas tal-Istati Membri li jħarsu d-dati tal-iskadenza għall-pagamenti tal-għajnuna, mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru n-nefqa negattiva ta' – EUR 272 miljun li rriżultat min-negozjati dwar il-baġit. Fil-fatt, minħabba dawn il-korrezzjonijiet, il-Kummissjoni se jkollha tirrimborża ammont nett ta' madwar EUR 64 miljun, jiġifieri se jkollha tagħmel korrezzjonijiet pożittivi favur l-Istati Membri li jammontaw għal dan l-ammont. Barra minn hekk, skont id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità li l-Kummissjoni ħadet fl-2011, għandhom isiru korrezzjonijiet b'ċifri pożittivi favur l-Istati Membri li jammontaw għal madwar EUR 4 miljun.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni jeħtieġ li ssib approprjazzjonijiet tal-baġit pożittivi, li mhumiex meħtieġa għal partiti oħra tal-baġit tal-FAEG, li jammontaw għal madwar EUR 335 miljun sabiex tkun tista' tagħlaq din il-partita tal-baġit fl-2011.

### 4.3.2. *Is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti (- EUR 32.1 miljun)*

Huwa mistenni li l-approprjazzjonijiet ta' dan l-artikolu tal-baġit mhux se jkunu implimentati kollha, billi l-ispejjeż imġarrba għat-tilqim ta' kontra l-marda tal-"bluetongue" huma aktar baxxi milli kien mistenni minħabba t-tnaqqis konsiderevoli tal-okkorrenza ta' din il-marda minħabba l-kampanji riċenti ta' tilqim li kienu ta' suċċess. Barra minn hekk, parti mill-fondi previsti fil-baġit għax-xiri ta' tilqim ta' emerġenza fis-saħħa tal-annimali mhix ser tintuża, billi ma kien hemm ebda okkorrenza gravi ta' mard tal-annimali.

## 5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

It-tabella fl-anness turi li, mill-31 ta' Awwissu 2011, kien disponibbli dħul assenjat li jammonta għal EUR 1 601.1 miljun. B'mod speċifiku:

– id-dħul mill-korrezzjonijiet ibbażati fuq id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-konformità kien jammonta għal EUR 513.4 miljun. Madankollu, eventwalment dan id-dħul se jonqos b'madwar EUR 46.1 miljun wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjoni ta' deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-konformità tal-2010;

– id-dħul mill-irregolaritajiet kien jammonta għal madwar EUR 160.9 miljun, li qabeż b'mod sostanzjali l-istima inizjali ta' EUR 88 miljun, u

– dal-ħin, inġabar kważi d-dħul kollu mill-imposta fuq il-ħalib u dan jammonta għal madwar EUR 21.7 miljun, li jaqbeż bi ftit l-istima inizjali ta' EUR 19-il miljun;

– fl-aħħar nett, għall-kuntrarju tal-ammont ta’ EUR 540 miljun li kien stmat inizjalment, l-ammont tad-dħul assenjat li eventwalment ġie ttrasferit mill-2010 għall-2011 kien jammonta għal EUR 905.1 miljun.

Dal-ħin, il-Kummissjoni tistma li għad iridu jinġabru ammonti addizzjonali, iżda mhux sinifikanti, ta' dħul assenjat mill-irregolaritajiet.

## 6. Implimentazzjoni tad-dħul li ġej mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (fis-settur taz-zokkor)

F’konformità mal-leġiżlazzjoni, l-ebda ammont ġdid għar-ristrutturar temporanju ma nġabar mill-Istati Membri minn Novembru 2009. Għaldaqstant, l-ammont totali tad-dħul assenjat disponibbli għall-Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor huwa daqs l-ammont ittrasferit mill-baġit tal-2010, li jammonta għal EUR 1 044.8 miljun (ċifra li hija ogħla mill-EUR 1 015-il miljun mogħtija fil-baġit tal-2011 minħabba l-pagamenti aktar baxxi milli kien mistenni li saru fi tmiem l-2010).

## 7. Implimentazzjoni tal-Fond għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor

Fl-aħħar ta’ Awwissu 2011, l-Istati Membri kienu għamlu pagamenti li jammontaw għal EUR 109.1 miljun għall-għajnuniet marbutin mal-miżuri ta' ristrutturar, għall-għajnuniet għad-diversifikazzjoni jew għall-għajnuniet għar-raffinar taz-zokkor. Skont id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri, għadhom mistennija jsiru pagamenti sinifikanti ta’ madwar EUR 60 miljun fix-xahar ta’ Settembru.

## 8. Konklużjonijiet

L-implimentazzjoni provviżorja tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG għall-2011, għall-perjodu sal-31 ta’ Awwissu 2011, turi li r-rimborżi ta’ kull xahar lill-Istati Membri qabżu l-profil għall-implimentazzjoni tal-baġit, ibbażat fuq l-indikatur, b’madwar EUR 837.8 miljun. Bħalissa hemm disponibbli dħul assenjat li jammonta għal EUR 1 601.1 miljun, inkluż id-dħul assenjat ittrasferit mis-sena ta’ qabel. Madankollu, id-dħul assenjat miġbur fl-2011 se jonqos bil-korrezzjoni msemmija fil-punt 5 hawn fuq. Dal-ħin, l-ammont ta’ dhul assenjat li se jkun disponibbli eventwalment, se jintuża biex ikopri l-ħtiġijiet ta’ finanzjament tas-settur tal-frott u l-ħaxix, tas-settur tal-laħam tal-majjal u tal-korrezzjonijiet tal-kontijiet u tal-approvazzjoni tal-konformità, li huma l-aktar setturi importanti li se jkollhom bżonn ta’ finanzjament addizzjonali fl-2011. Wara li jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet imsemmija hawn fuq, kwalunkwe bilanċ mid-dħul assenjat li jkun għad fadal se jiġi ttrasferit għall-2012 sabiex ikopri l-ħtiġijiet ta’ finanzjament ta’ dik is-sena tal-baġit.

# Anness 1 Konsum provviżorju tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG sal-31 ta' Awwissu 2011

SENA TAL-BAĠIT 2011 (**)

KONSUM PROVVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG

**Sitwazzjoni fil-31 ta' Awwissu 2011**

f'miljuni ta' EUR

| | | Approprjazzjonijiet tal-baġit(***) | Konsum minn Novembru sa Awwissu | Użu | Profil tal-konsum f'Awwissu | | Differenza bejn l-implimentazzjoni u l-indikatur | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | f'miljuni ta' EUR | f'miljuni ta' EUR | f'perċentwal | f'perċentwal | f'miljuni ta' EUR | f'perċentwal | f'miljuni ta' EUR |
| | | A | B | C=B/A | D | E=D*A | F=C-D | G=B-E |
| | **Nefqa** | | | | | | | |
| 05 01 | (1) NEFQA AMMINISTRATTIVA GĦALL-FAEG<br>05010401 | 9,1 | 5,3 | 58,0 % | 82,8 % | 7,5 | -24,8 % | -2,2 |
| | **Total 05 01 Nefqa amministrattiva għall-FAEG** | **9,1** | **5,3** | **58,0 %** | **82,8 %** | **7,5** | **-24,8 %** | **-2,2** |
| 05 02 | INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI | | | | | | | |
| 05 02 01 | Ċereali | 18,1 | -125,9 | -695,5 % | 114,7 % | 20,8 | -810,2 % | -146,6 |
| 05 02 02 | Ross | p.m. | 0,1 | 0,0 % | | | | |
| 05 02 03 | Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex tal-Anness 1 | 31,0 | 10,5 | 34,0 % | 89,6 % | 27,8 | -55,7 % | -17,3 |
| 05 02 04 | Programmi tal-ikel | 500,1 | 305,9 | 61,2 % | 56,7 % | 283,5 | 4,5 % | 22,4 |
| 05 02 05 | Zokkor | 1,2 | 2,2 | 184,3 % | 88,5 % | 1,1 | 95,8 % | 1,1 |
| 05 02 06 | Żejt taż-żebbuġa | 49,6 | 41,8 | 84,3 % | 96,2 % | 47,7 | -11,9 % | -5,9 |
| 05 02 07 | Pjanti li minnhom isiru t-tessuti | 30,0 | 19,0 | 63,2 % | 43,6 % | 13,1 | 19,6 % | 5,9 |
| 05 02 08 | Frott u ħaxix (minbarra l-partita 05020813) (EUR 500 miljun stmati mid-dħul assenjat)(*)(****) | 491,1 | 688,8 | 140,3 % | 76,6 % | 376,1 | 63,7 % | 312,7 |
| 05 02 09 | Prodotti tas-settur tal-vitikultura | 1.143,7 | 663,8 | 58,0 % | 56,8 % | 649,8 | 1,2 % | 14,1 |
| 05 02 10 | Promozzjoni | 59,1 | 42,8 | 72,3 % | 88,2 % | 52,2 | -15,9 % | -9,4 |
| 05 02 11 | Prodotti oħrajn li ġejjin mill-pjanti/miżuri oħrajn | 388,9 | 305,2 | 78,5 % | 84,4 % | 328,2 | -5,9 % | -23,0 |
| 05 02 12 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | 100,0 | 33,7 | 33,7 % | 95,4 % | 95,4 | -61,8 % | -61,8 |
| 05 02 13 | Ċanga u vitella | 35,1 | 49,8 | 141,8 % | 85,6 % | 30,1 | 56,2 % | 19,7 |
| 05 02 14 | Laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż | p.m. | 0,0 | | | | | |
| 05 02 15 | Laħam tal-majjal, bajd u tjur, it-trobbija tan-naħal u prodotti oħrajn li ġejjin mill-annimali | 117,0 | 133,6 | 114,2 % | 68,1 % | 79,6 | 46,1 % | 53,9 |
| | **Total 05 02 Interventi fis-swieq agrikoli (minbarra l-partita 05 02 16)** | **2.964,9** | **2.171,3** | **73,2 %** | **67,6 %** | **2.005,3** | **5,6 %** | **166,0** |
| 05 03 | GĦAJNUNIET DIRETTI | | | | | | | |
| 05 03 01 | Għajnuniet diretti diżakkoppjati (krediti stmati għal EUR 747 miljun li ġejjin mid-dħul assenjat)(*)(****) | 36.324,0 | 36.792,0 | 101,3 % | 99,9 % | 36.283,0 | 1,4 % | 509,0 |
| 05 03 02 | Għajnuniet diretti oħrajn | 3.447,0 | 3.312,3 | 96,1 % | 99,5 % | 3.430,6 | -3,4 % | -118,3 |
| 05 03 03 | Ammonti addizzjonali ta' għajnuna | 0,1 | 0,5 | 532,5 % | 55,7 % | 0,1 | 476,8 % | 0,5 |
| | **Total 05 03 Għajnuniet diretti** | **39.771,1** | **40.104,8** | **100,8 %** | **99,9 %** | **39.713,7** | **1,0 %** | **391,2** |
| | NEFQA OĦRA | | | | | | | |
| 05 04 | 05040114 Żvilupp rurali ffinanzjat mit-taqsima tal-garanziji tal-FAEGG għall-perjodu ta' pprogrammar mill-2000 sal-2006 | p.m. | -6,3 | | | | | |
| | 05040302 Riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali - Tlestija tal-miżuri ta' qabel | p.m. | 0,0 | | | | | |
| 05 07 | 05070106 Approvazzjoni tal-kontijiet tas-snin ta' qabel | -272,0 | 64,5 | -23,7 % | 94,3 % | -256,5 | -118,0 % | 321,0 |
| | (3) 05070107 Approvazzjoni tal-konformità tal-kontijiet tas-snin ta' qabel | p.m. | 3,5 | | | | | |
| | Linji oħrajn (05070102 u 050702) | 9,5 | 6,5 | 68,4 % | 92,9 % | 8,8 | -24,5 % | -2,3 |
| 05 08 | STRATEĠIJA POLITIKA U KOORDINAZZJONI TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI (minbarra l-partita 050810) | 25,7 | 22,0 | 85,6 % | 86,1 % | 22,2 | -0,5 % | -0,1 |
| 11 02 | (2) SWIEQ TAS-SAJD (minbarra l-partita 11020103) | 30,0 | 30,0 | 99,9 % | 99,9 % | 30,0 | 0,0 % | 0,0 |
| 17 01 | (1) (2) NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAS-"SAĦĦA U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR"<br>17010401, 17010405, 17010407 u 17010431 | 2,8 | 1,3 | 45,2 % | 75,0 % | 2,1 | -29,7 % | -0,8 |
| 17 03 | (1) (2) SAĦĦA PUBBLIKA<br>17 03 02 Fond Komunitarju tat-tabakk - pagamenti diretti mill-UE | p.m. | 0,0 | 0,0 % | | | | |
| 17 04 | (1) (2) SIKUREZZA TAL-IKEL U TAL-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI<br>170401 sa 170407 (minbarra l-partiti 17040303 u 170406) | 350,1 | 271,9 | 77,7 % | 86,8 % | 304,0 | -9,2 % | -32,1 |
| | **Nefqa totali (minbarra l-partita 05 02 16)** | **42.891,2** | **42.674,8** | **99,5 %** | **97,5 %** | **41.837,0** | **2,0 %** | **837,8** |

| | **Dħul assenjat** | **tqiesu fil-baġit** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 7 0 1 | Approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG — Dħul assenjat | 600,0 | 513,4 | | | | | |
| 6 7 0 2 | Irregolaritajiet tal-FAEG — Dħul assenjat | 88,0 | 160,9 | | | | | |
| 6 7 0 3 | Imposta addizzjonali fuq il-produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat | 19,0 | 21,7 | | | | | |
| | Dħul assenjat ittrasferit mill-2010 | 540,0 | 905,1 | | | | | |
| | **Dħul totali (minbarra l-partita 6 8)** | **1.247,0** | **1.601,1** | | | | | |

| | **Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor** | **tqiesu fil-baġit** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 02 16 | Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor | 195,0 | 109,1 | | | | | |
| 6 8 0 1 | Ammonti temporanji għar-ristrutturar — Dħul assenjat | p.m. | 0,0 | | | | | |
| | Dħul assenjat ittraferit mill-2010 | 1.015,0 | 1.044,8 | | | | | |
| 6 8 0 2 | Irregolaritajiet marbutin mal-fond temporanju għar-ristrutturar — Dħul assenjat | p.m. | 0,0 | | | | | |
| 6 8 0 3 | Approvazzjoni tal-fond temporanju għar-ristrutturar — Dħul assenjat | p.m. | 0,0 | | | | | |
| | **Total tal-Fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor** | **820,0** | **935,6** | | | | | |

| | (*) Nota informattiva biss: in-nefqa meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet oriġinali u stima tad-dħul assenjat | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 02 08 | Frott u ħaxix (minbarra l-partita 05020813) (inkluż stima tad-dħul assenjat ta' EUR 500 miljun)(****) | 991,1 | 688,8 | 69,5 % | 76,6 % | 758,9 | -7,1 % | -70,2 |
| 05 03 01 | Għajnuniet diretti diżakkoppjati (inkluż stima tad-dħul assenjat ta' EUR 747 miljun)(****) | 37.071,0 | 36.792,0 | 99,2 % | 99,9 % | 37.029,1 | -0,6 % | -237,2 |

(**) Sena tal-baġit = mis-16 ta' Ottubru 2010 sal-15 ta' Ottubru 2011 iżda n-nefqa diretta hija possibli sal-31 ta' Diċembru 2011

(***) rigward l-impenji

(****) Inkluż l-użu ta' dħul assenjat ittrasferit mis-sena ta' qabel

(1) Kapitolu li m'għandux x'jaqsam biss mal-FAEG.

(2) Kapitolu li jaqa' 'l barra mit-titolu 05 iżda li huwa inkluż fl-FAEG.

(3) Użat biss f'każijiet fejn l-Istati Membri huma l-benefiċjarji.